**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 147/2021/1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Simon Camilleri***

**Kersten Camilleri**

Illum, 13 ta' settembru, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Simon Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 453166(M), akkużat flimkien ma' Kersten Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 353289(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja -

1. Talli fl-14 ta' April 2020 għal ħabta ta' bejn is-siegħa u kwart ta' filgħodu ġewwa Triq it-Tfief San Gwann ikkommettew serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Waqas Gul liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin.

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Waqas Gul kontra l-

volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta ħwejjġu

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġarrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

4. Talli fl-10 ta' April 2020 għal ħabta ta' bejn in-nofs siegħa ta' filgħodu u is-siegħa ta' filgħodu ġewwa Triq il-Gizimina Zabbar ikkommettew serq ta' basket li kien fih flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Lijaz Maqbel Maqboal Ahmed liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) u bil-ħin.

5. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Lijaz Maqbel Maqboal Ahmed kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta ħwejjġu.

6. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi ġarrew 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

7. Talli bejn it-8 ta' April 2020 f'nofs il-lejl neqsin kwart u id-9 ta' April 2020 f'nofs il-lejl u kwart ta' filgħodu ġewwa Triq Tal-Karmnu, Bormla ikkommettew serq ta' basket li kien fih flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Waqas Gul liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) u bil-ħin.

8. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Waqas Gul kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta ħwejjġu.

9. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi ġarrew 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Lil Kersten Camilleri wahdu akkuzat ukoll:

1. Talli fl-14 ta' April 2020 għal ħabta ta' bejn id-disgħa u kwart ta' filgħaxija u l-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija ġewwa Triq San Pawl, Bormla ikkommetta serq ta' basket li kien jikkontjeni flus kontanti u mobile phone minn fuq il-persuna ta' Dean Abela liema serq huwa aggravat bil-vjolenza,

bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) u bil-ħin.

2. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Dean Abela kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta ħwejjġu.
3. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi ġarr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.
4. Talli fil-11 ta' April 2020 għall ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu ġewwa Triq San Frangisk Bormla bil-ħsieb li jagħmel reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBS292 ta' l-għamla Toyota Yaris għad-dannu ta' Rosanne Aquilina u/jew persuni oħra skond Art 41, Art 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.
5. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobli u ċioe għamel ħsara f'vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBS292 tal-għamla Toyota Yaris, liema ħsarat huma ta' anqas minn 250 Ewro għad-dannu ta' Rosanne Aquilina.
6. Talli fid-29 ta' Marzu 2020 xjentement f'Malta laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa u ċioe vettura tal-għamla Kia Ceres bin-numri tar-reġistrazzjoni EAP773, li il-valur tagħha jeċċedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u disgħin ċentezmu (€232.90) meħuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħ jew imexxi dan l-oġġett.
7. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. S. Grech LL.D, datata 10 ta' Awwissu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.
8. U aktar talli f'dan l-aħħar xhur f'dawn il-gzejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD fid-digriet tagħha tal-10 ta' Novembru 2017 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.
9. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu riċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Lil Simon Camilleri waħdu akkuzat ukoll:

1. Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LLD fid-digriet tagħha tat-27 ta' Awwissu 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

2. Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Antonio Vella LLD fid-digriet tiegħu tat-2 ta' Awwissu 2016 li bih ta il-helsien mill-arrest.
3. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu riċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 289, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 280(2), 334(a), 86, 87(1)(e), 41(1)(a), 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 279(b) u 325(1)(c) Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Kersten Camilleri ħati tal-akkuzi 1, 2 u 3 (2 u 3 mezz għal fini) 4, 5, 6 (5 u 6 mezz għall-fini) 7, 8, 9 (8 u 9 mezz għall-fini) u l-akkuzi 1, 2, 3 (2 u 3 mezz għall-fini), 4 u 5 (5 mezz għall fini), 6 u 9 (fil-konfront ta' Kersten Camilleri waħdu) u kkundanatu għal piena ta' erba' (4) snin u ħames (5) xhur priġunerija filwaqt li lliberatu mill-akkuza sebgħa (7) u tmienja (8) fil-konfront tiegħu waħdu stante li ma ġietx ippruvata.

*In oltre*, wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 289, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 280(2), 263(a), 267, 270, 271(g), 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Simon Camilleri ħati tal-akkuzi 1, 2 u 3 (2 u 3 mezz għall-fini), 4, 7 u 3 (fil-konfront ta' Simon Camilleri waħdu) u kkundanatu għal piena ta' tliet (3) snin priġunerija filwaqt li lliberatu mill-akkuzi l-oħra kollha fuq nuqqas ta' provi.

Finalment u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundanat lill-imputati Simon Camilleri u Kersten Camilleri in solidum għall-ħlas tal-ispejjez peritali ammontanti għal erba' mija u sebgħa u għoxrin ewro u ħamsin centezmu (€427.50).

Rat ir-rikors tal-appellant Simon Camilleri minnu ppreżentat nhar it-22 ta' Marzu 2023 fejn talab lil din il-Qorti tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skond il-liġi. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Qorti tal-Appell Kriminali jidhrilha li m'għandiex tilqa' l-ewwel talba,

alternattivament tirriforma l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena nflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skond iċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat it-talba magħmula mill-appellant Simon Camilleri, nhar id-19 ta' Mejju 2023, sabiex dina l-Qorti tikkonverti ruħha f' Qorti dwar id-Droga fit-termini ta' l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qieset li l-Avukat Generali rrimetta ruħu għal dina t-talba tal-appellant.

Semgħet il-provi mressqa dwar din it-talba, u ċioe it-testimonjanza ta' Dr Joseph Tonna, Ruth Camilleri, Jacqueline Camilleri, Mariella Camilleri, David Mellors, Joanna Farrugia u Dr Jevon Muscat, kif ukoll ezaminat l-assjem tal-provi kompilati quddiem l-Ewwel Qorti.

Rat id-digriet tagħha datat 23 ta' Frar 2024 fejn ċaħdet it-talba tal-appellant u ordnat il-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant Simon Camilleri jressaq diversi aggravji li jikkonċernaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fejn jelenka diversi nuqqasijiet li, fil-fehma tiegħu, kien hemm fil-ġbir tal-provi quddiem l-Ewwel Qorti. Jilmenta b'mod ewlieni illi l-*istills* u l-*footages* elevati mill-pulizija mill-*cameras* tas-sigurta' u eżebiti in atti ma jikkostitwux l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni setgħet tressaq billi huma ta' kwalita' baxxa, jilmenta min-nuqqasijiet li fil-fehma tiegħu, seħħew waqt is-*search* magħmula fir-residenza tal-appellant fejn kienet misjuba ir-*res furtiva* u l-*pouch* li

insteraq kontenenti l-flus fejn jikkontendi illi ma saru ebda eżamijiet forensiċi mill-uffiċjali tax-xena tar-reat billi la kienu elevati impronti diġitali u lanqas saru eżamijiet għal presenza ta' DNA. Dan ifisser għall-appellant li qatt ma jista' jinħoloq ness bejn dawn l-oġġetti elevati u bejnu li allura jindikaw illi huwa kien involut fil-kummissjoni tar-reati lilu addebitati.

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali odjerni jirriżulta li huwa minnu li l-*footages* eżebieti mhumiex ta' xi kwalita' eċċellenti, madanakollu l-movimenti u l-azzjonijiet li saru mill-malviventi li jidhru fihom huma ben identifikabbli u jikkorrispondu eżattament mal-verzjoni tal-fatti mogħtija mill-vittma hekk kif ser jiġi kkunsidrat aktar 'il quddiem f'din is-sentenza. Dan ifisser li għalkemm dawn l-*istills* mhumiex l-aħjar prova, huma xorta waħda prova ammissibbli korroboratriċi, liema prova ser torbot mal-katina tal-provi l-oħra prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi, *in oltre*, għalkemm huwa minnu li ma sarx eżami forensiku għal presenza ta' *DNA* fuq l-oġġetti elevati mir-residenza ta' fejn kien joqgħod l-appellant, kif inhu minnu ukoll li lanqas ma ġew elevati mpronti diġitali minn fuq l-imsemmija oġġetti li kienu marbuta ams-serqiet kommessi, madanakollu dak li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti, liema eżerċizzju ser isir ukoll minn din il-Qorti sabiex ikunu mistħarrġa l-aggravji fil-mertu, huwa biss jekk mill-provi kollha li ġew prodotti mill-Prosekuzzjoni fl-assjem tagħhom, setatx tinstab il-ħtija sal-grad rikjest mill-liġi, anke jekk setgħu inġabru provi oħra indizzjarji u ċirkostanzjali li setgħu kienu rilevanti. Jingħad illi f'dan il-każ, fejn l-appellant huwa mixli bil-kummissjoni ta' diversi reati, u ċioe' ta' diversi serqiet li kollha segwew l-istess *modus operandi* meta allegatament hu flimkien mal-ko-akkużat serqu diversi *couriers* li kienu qed iqassmu l-ikel fil-kors tax-xogħol tagħhom, xehdu għadd ġmielu ta' xhieda okulari, b'mod ewlieni il-vittmi stess li kienu kapaċi jidentifikawhom. Abbinat ma' dan, imbagħad hemm provi oħra indizzjarji li jieħdu rwol importanti ħafna u li faċilment u mingħajr bzonn ta' ħafna tiġbid tal-imaġinazzjoni, jagħtu stampa ċara tad-dinamika tal-event kriminuż.

Illi, l-appellant jirrileva mbagħad li dak kollu li ingħad fl-istqarrija ta' Kersten Camilleri fejn huwa implikah fil-kummissjoni tad-diversi serqiet lilhom addebitati

għandu jiġi skartat b'mod speċjali fid-dawl ta' dak li jiddisponu l-Artikoli 658 u 661 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, huwa minnu dak li jikkontendi l-appellant illi diment li Kersten Camilleri baqa' ko-akkuzat miegħu f'dawn il-proċeduri, huwa pależi li dak kollu mistqarr minnu ma jistax jinġieb bi prova la favur u lanqas kontra l-ko-akkużat l-ieħor. Illi allura ġaldarba l-appellant u Kersten Camilleri baqgħu ko-akkużati fl-istess proċeduri, dak mistqarr mill-imsemmi Kersten Camilleri fl-istqarrija tiegħu jista' jiswa bħala prova biss fil-konfront tiegħu biss. Il-Qorti, madanakollu hija perplessa kif l-appellant iqanqal dan l-ilment u dan meta kellu jkun evidenti għalih, minn eżami tas-sentenza appellate, illi l-Ewwel Qorti ma sejsietx is-sejbien ta' ħtija fil-konfront tiegħu fuq dak mistqarr mill-ko-akkużat Kersten Camilleri fl-istqarrija tiegħu, u dan qalitu ċar u tond fil-konsiderazzjonijiet misjuba fis-sentenza appellata. Għalhekk żgur li din il-Qorti meta tiġi biex tqis l-aggravji imqajjma mill-appellant ma tistax tieħu in konsiderazzjoni l-istqarrija ta'l-ko-akkużat Kersten Camilleri bħala prova kontra l-appellant ai fini ta' dan l-appell, kif hekk għamlet ukoll l-Ewwel Qorti. Illi allura dna l-ilment jirrażenta il-fieragħ u qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sussegwenti għal dawn l-ilmenti preliminari, l-appellant jgħaddi sabiex jikkritika l-apprezzament tal-fatti magħmul fis-sentenza appellata in konnessjoni mal-allegat involviment tiegħu fis-serqa kommessa nhar l-14 t'April 2020 f' San Ġwann. Huwa jibda' billi jisħaq li l-*identification parade* li saret "*ħolqot element ta' preġudizzju*" fuqu u dana għaliex il-vittma għaraf lilu in awla sempliċiment għax kien ra r-ritratt tiegħu dakinhar tas-serqa. Apparti minn hekk, huwa jisħaq li ma nġabet l-ebda prova li f'din l-allegata serqa huwa kien filfatt qed iġorr sikkina. Dan iktar u iktar meta din is-sikkina qatt ma instabet u allura lanqas kienet eżebita in atti.

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali, jirriżulta li f'dan il-każ, il-prova prinċipali hija propju x-xhieda tal-vittma stess, Waqas Gul, li kien jaħdem bħala *delivery courier* mal-*Pizza4U*. Quddiem l-Ewwel Qorti huwa xehed li nhar l-14 t'April 2020 kien seħħ inċident ġewwa San Ġwann, senjatament fi Triq it-Tin għal ħabta tas-1:45am. Huwa

xehed li kif wasal hemmhekk bl-ordni li kienet saret preċedentement, kien hemm tnejn minn nies li kienu ħarġu minn wara l-karozza - "**So, meta kont qed nagħti l-ikel lill-customer li semmejt qabel emm il-bieb numru erbgħa u tletin, so, wara li, wara li ħallejt l-ikel e kien hemm dawn iz-zewġ persuni li kienu qed jistennew wara l-karozza. Dawn it-tnejn ħarġu minn wara l-karozza, ġew fuqi, qaluli biex intihom il-flus, anzi qaluli biex intihom il-pouch. Jiena għidtilhom li m'għandiex pouch għax il-flus filfatt kienu fil-but għax dak iz-zmien li kien ġara l-ewwel inċident, il-boss kien qalilna biex ma nuzawx pouch aktar**". Ikompli billi jgħid li - "**... dawn iz-zewġ persuni meta għidtilhom li ma għandiex pouch daħli jdejhom fil-but tiegħi u ħadu l-flus**", li kienu jammontaw għal madwar erbgħin Ewro. Jikkonferma li f'dan l-inċident kienu ż-żewġ aggressuri li kellhom sikkina f'idejhom u jisħaq li dawn kienu l-istess żewġ individwi li kienu serquh xi jiem qabel ġewwa Bormla. Huwa minnu li l-istess vittma kien xehed li l-aggressur iz-zgħir kien qisu kellu barba zgħira u xagħru qasir filwaqt li l-aggressur l-ieħor kien ikbar fl-eta'. Minħabba f'hekk huwa kien intwera tmintax -ir-ritratt mill-investigaturi fejn, bla eżitazzjoni, huwa indika lill-appellant u lil Kersten Camilleri bħala l-malviventi li kienu aggredewh u serquh. Sussegwentement, huwa kien anke identifikahom it-tnejn fl-awla quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi, tajjeb jingħad ukoll li dan l-inċident inqabad bis-*CCTV cameras* u avolja huwa minnu li l-identita' tal-malviventi mhix ċara, madanakollu l-*modus operandi* tal-malviventi li jidher fil-filmat jikkombaċja perfettament ma' dak deskritt mill-vittma. Ukoll, mill-istess *footages* jidher li ż-żewġt irġiel kienu qed juzaw vettura tal-għamla *Fiat Punto* li minn investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li kienet tappartjeni propju lill-omm il-ko-akkużat Kersten Camilleri. Illi, ukoll, WPC 117 Sylvia Zarb ikkonfermat li l-appellant Simon Camilleri m'għandu l-ebda liċenzja sabiex iġorr jew iżomm arma, u għalkemm din qatt ma instbaet fil-kors tal-investigazzjonijiet, huwa ppruvat mix-xiehda tal-vittma stess illi huwa kien aggredit mill-malviventi u mhedded permezz ta' sikkina.

Illi, f'dan il-kaz, ma hemm xejn li jitfa' dubbju fuq ix-xhieda tal-vittma Waqas Gul. Xehed b'mod ċar u ddettaljat u kien konsistenti dejjem fil-verzjoni tal-fatti minnu

mogħtija. *In oltre, a tempo verġine* huwa għaraf lill-appellant bħala wieħed mill-aggressuri tiegħu u reġa' identifikah in awla quddiem l-Ewwel Qorti. Mhux biss, iżda l-imsemmi Waqas Gul kien vittma tal-aġir inkriminatorju tal-appellant u ta' sieħbu proprju f'żewġ okkazzjonijiet separati, proprju ftit ġranet imbiegħda minn xulxin, sabiex b'hekk għal vittma kien iktar faċli jidentifika b'mod pożittiv l-aggressuri tiegħu. Għaldaqstant, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma għandiex dubbju minn din l-identifikazzjoni, sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment issib ħtija fil-konfront tal-appellant fir-rigward l-akkużi numri wieħed, tnejn u tlieta dedotti fil-konfront tiegħu u ma hemm xejn sindikabbli fid-deċizjoni appellata.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jgħaddi sabiex jilmenta mill-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti in konnessjoni mal-allegat involviment tiegħu fis-serqa tal-10 t'April 2020 ġewwa Triq il-Ġizimina, Zabbar. Primarjament huwa jisħaq li l-vittma Lijaz Maqbel Maqboal Ahmed ma seta' qatt għarfu għax huwa kellu konfront dirett biss ma' Kersten Camilleri, kif ukoll kien xehed li l-aggressuri tiegħu "*kienu lebsin il-hoodies*".

Illi, il-vittma Lijaz Maqbel Maqboal Ahmed, li kien ukoll *delivery courier* tal-*Pizza4U* xehed li nhar l-10 t'April 2020 bejn il-kwarta u s-siegħa ta' filgħodu kellu *delivery* ġewwa Triq Ġizimina, Zabbar. Jgħid li huwa mar fuq il-post u għadda l-ikel lir-raġel li kien qed jistennieh, liema raġel beda jargumenta miegħu u jgħidlu li dik ma kinitx l-ordni tiegħu. Il-vittma ċempel il-ħanut li kien ipprovda l-ordni sabiex jipprova jsolvi din il-kwistjoni, pero' fil-frattemp dan ir-raġel daħħal idejh fil-but, ħareġ sikkina ta' madwar 20 ċentimetru, ippuntaha lejh u qallu "**jekk tgħajjat jiena noqtlok**". Qallu ukoll sabiex jagħtih il-*pouch* bil-flus. Il-vittma tirrakonta ukoll li kien hemm persuna oħra mal-aggressur li kienet tfietlu l-karozza u li wissieh biex ma jirreaġġixiex. Sussegwentement, kemm fl-*identification parade* magħmula mill-investigaturi kif ukoll *in awla*, il-vittma għaraf kemm lill-appellant kif ukoll lil Simon Camilleri bħala l-aggressuri tiegħu fejn tenna – "**mela jiena stajt nagħraf avolja qegħdin bil-maskra, qed nagħrafhom minn għajnejhom. Ma nistax qatt ninsa. Huma kienu lebsin il-**

**hoodies imma ma nistax ninsa' l-ħarsa t'għajnejhom**". *In oltre*, huwa jikkonferma li kien propju l-appellant Kersten Camilleri li kien ippuntalu s-sikkina u jikkonferma wkoll li l-malviventi kienu serqulu madwar €300-€400 fi flus kontanti.

Illi, għal darb'oħra, dina l-Qorti tinsab moralment konvinta mix-xhieda tal-vittma li xehed ukoll b'mod iddettaljat u konsistenti u f'żewġ istanzi għaraf lill-appellant bħala wieħed minn dawk li kienu serquh. Mhux biss iżda saħansitra kien kapaċi jiddistingwi bejn l-aġir inkriminatorju magħmul minn kull wieħed mill-malviventi u ma tefagħhomx f'keffa waħda sabiex b'hekk il-Qorti ma għandiex dubbju mill-verżjoni tiegħu tal-fatti u tal-identifikazzjoni minnu magħmula tal-aggressuri tiegħu. Għalhekk dina l-Qorti tinsab moralment konvinta li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment issib ħtija fil-konfront tal-appellant fir-rigward l-akkuża numru erbgħa dedotta fil-konfront tiegħu, u għalhekk anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, ukoll l-appellant jattakka t-testimonjanza ta' Waqas Gul fir-rigward l-ewwel serqa li seħħet fil-lejl bejn it-8 t'April 2020 u d-9 ta' April 2020. L-istess Waqas Gul xehed li huwa kien *delivery courier* tal-*Pizza4U* u li nhar it-8 ta' April bejn it-8pm u 9pm kienet saret ordni fejn hu kellu jagħmel konsenja ġewwa Annunciation Street, l-Isla. Huwa xehed li "**Meta jiena mort Annunciation Street u ċempilt, għidtilhom għandi delivery għalihom pero' huma qaluli "le. Qiegħed f'post ħazin." U qaluli biex immur, biex immur fiċ-ċentru ta' Bormla fejn hemmhekk ikun hemm ħafna karozzi pparkjati. Meta wasalt indunajt li kien hemm tnejn minn nies u allura jiena waqaft ħdejhom, għidtilhom li ġibtilhom l-ikel, ovjament minn fuq il-mutur u tajthom id-drinks, tajthom id-drinks imbagħad huma ħaduli l-pouch umbagħad telqu jiġru. The pouch is the money, the pouch where I put in the money, aw il-pouch fejn indaħħal il-flus kien hemm xi ħames mija u tletin Ewro**". Jgħid li l-malviventi ħarġu sikkina u qalulu sabiex jagħtihom il-*pouch* li kellu. Meta huwa rrifjuta, huma ġibdulu l-*pouch* u telqu bih. Sussegwentement huwa mar l-Għassa jagħmel rapport u ta deskrizzjoni lill-pulizija tal-malviventi bħala "**wieħed kien kbir u wieħed kien zgħir**" ... "**wieħed bejn ħamsa u ħamsin u sittin sena u l-ieħor bejn ħamsa u tletin sena**".

Illi waqt it-testimonjanza tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, mbagħad, Waqas Gul għaraf lill-imputati bħala l-aggressuri tiegħu u speċifika li kien l-appellant Kersten Camilleri li kellu s-sikkina f'idejh u li ħadlu il-*pouch* tal-flus.

Illi, dina l-Qorti terġa' tinsab moralment konvinta mix-xhieda tal-vittma li xehed ukoll b'mod iddettaljat u konsistenti u għaraf lill-appellant bħala wieħed minn dawk li kienu serquh. Kif diġa' ingħad Waqas Gul sefa vittma tal-aġir inkriminatorju tal-appellant u ta' sieħbu f'żewġ okkazzjonijiet ftit jiem 'il bogħod minn xulxin sabiex b'hekk huwa kien f'pożizzjoni aħjar jidentifikahom sabiex b'hekk anke l-akkuza numru sebgħa dedotta fil-konfront l-appellant tirriżulta ppruvata.

Għaldaqstant, l-aggravji kollha tal-appellant relatati mal-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti qed ikunu respinti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aħħar aggravju minnu ventilat, l-appellant jilmenta fuq is-sejbien ta' ħtija għall-addebitu tar-reċediva billi fil-fehma tiegħu ma kien hemm ebda prova li tikkonferma li s-sentenzi esebiti kienu jikkostitwixxu *res judicata*.

Illi, *ormai* huwa stabbilit b'mod kostanti fil-ġurisprudenza li akkużat/imputat ma jistax jitqies li huwa reċidiv sempliċiment mill-fedina penali tiegħu/tagħha. Ġew stabbiliti, kemm mill-liġi kif ukoll mill-ġurisprudenza, diversi rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti sabiex akkużat/imputat jista' jitqies bħala reċediv ai fini kollha tal-liġi nostrana, senjatament li –

a) Il-Prosekuzzjoni trid tipprova, lill hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, li persuna tista' titqies bħala reċediva skond il-liġi. Dan isir billi tiġi ppreżentata kopja awtentika tas-sentenza li fiha l-istess persuna tkun instabet ħatja.
b) Sussegwentement trid tiġi ppruvata li l-persuna mputata fis-sentenza ppreżentata hija l-istess persuna preżentament akkużata bl-addebitu tar-reċediva. Dina l-prova tinġieb permezz tat-testimonjanza tal-uffiċjal prosekutur fil-kawża deċiża billi jew jikkonferma l-identita' tal-imputat, jew

billi jressaq prova ta' l-identita' ta' l-istess, biċ-ċertifikat tat-twelid jew karta tal-identita' jew kwalunkwe dokument uffiċjali ieħor.

c) Finalment, u dana strettament ai fini tal-artikoli 50 u 53 tal-Kodiċi Kriminali, huwa meħtieġ ukoll illi jkun mill-Qorti stabbilit jekk il-piena mposta tkunx ġiet skontata u dan billi jekk tkun piena ta' multa illi din tkun tħalset u ejkk tkun piena ta' sentenza sopsiża ta' priġunerija illi l-perijodu operattiv tas-sentenza jkun iddekorra.

Illi, il-Qorti tqis illi ġaldarba tkun saret din il-prova, l-addebitu tar-reċidiva jirnexxi mingħajr il-ħtieġa illi jkun hemm prova li tikkonferma li s-sentenza tkun għaddiet in ġudikat, iktar u iktar meta din tkun riflessa fil-fedina penali tal-persuna akkużat. Issa jekk l-imputat jew akkużat jkun irid jikkontesta l-awtentiċita' ta'l-istess jew il-finalita' tagħha mbagħad jispetta lilu li jikkontestaha. Issa f'dan il-każ, tressqet bħala xhud Eunice Grech Fiorini fil-vesti tagħha ta' Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali fejn eżebiet numru ta' sentenzi fil-konfront tal-appellant ai fini tar-reċediva. Hija ikkonfermat ukoll bil-ġurament li ma kien sar l-ebda appell minnhom ħlief għal sentenza waħda biss u li l-istess kienet ġiet deċiza definittivament ukoll. Kwindi l-aggravju tal-appellant huwa għal kollox infondat u qed jiġi respint.

Illi finalment għalkemm l-appellant ma jressaq ebda aggravju formali fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu, madanakollu jitlob lil din il-Qorti sabiex tirriforma il-piena inflitta f'waħda aktar idonja għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Illi jibda biex jingħad illi l-appellant ma jressaq ebda raġuni li fuqha huwa isejjes din it-talba sabiex il-Qorti ċertament ma tistax tindovina hija stess il-mottiv li wassal lill-appellant iqis illi l-piena erogata ma kenitx waħda idonja, u dan iktar u iktar meta huwa kien mijsub ħati tal-kummissjoni ta' għadd ġmielu ta' reati. Mhux biss, iżda il-fedina penali tiegħu hija waħda piuttost voluminuża li tixhed karattru refrattarju fejn kien hemm diversi kundanni għar-reat ta' serq aggravat. L-appellant iressaq diversi xhieda, issa fi stadju ta' reviżjoni, li jindikaw illi huwa bniedem li ilu għal diversi snin mifni bil-problema tad-droga li wasslitu sabiex igħix ħajja kriminoġenika. Illi matul is-snin huwa kien jagħmel xi perijodi inkarċerat fejn is-sitwazzjoni kienet tkun daqqa tajba u imbagħad jerġa' jaqa' fil-vizzju. Fil-fatt jidher illi meta ikun inkarċerat juri

progress fl-imġieba tiegħu, u għalkemm bħal issa huwa reġa' integra ruħu fil-komunita' madanakollu għad għandu bżonn ħafna għajnuna. F'dan ix-xenarju il-Qorti tqis illi għadu prematur sabiex tqis lill-appellant bħala kandidat idonja għal piena alternattiva għal dik tal-inkarċerazzjoni u kwindi billi l-piena erogata hija waħda fil-parametri u mhijiex lanqas eċċessiva, ma tarax illi għandha tiskossa d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-istess. Għaldaqstant it-talba tal-appellant għal varjazzjoni fil-piena qed tkun miċħuda.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija fil-konfront tal-appellant Simon Camilleri fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**